Australian Government

Carer Gateway

## X'inhu l-Carer Gateway?

Il-Carer Gateway hu servizz nazzjonali ġdid iffinanzjat mill-Gvern Awstraljan. Il-Carer Gateway jinkludi websajt u servizz tat-telefon għall-kerers biex jaċċessjaw tagħrif u sapport prattiku.

## Għal min jgħodd il-Care Gateway?

Jekk int tgħin membru tal-familja jew ħabib/a li għandhom diżabilità, marda kronika, dimenzja, mard mentali, vizzju jew huma anzjani debboli, allura l-Care Gateway tista' tgħinek.

Il-kerers jistgħu jkunu membri tal-familja jew ħbieb, jistgħu jkunu ġenituri, tfal, aħwa, nanniet jew ġirien. Xi kerers jieħdu ħsieb persuna oħra 24 siegħa kuljum u jgħinu f'attivitajiet tal-għajxien ta' kuljum, waqt li kerers oħrajn jieħdu ħsieb persuni li huma pjuttost indipendenti imma għandhom bżonn għajnuna f'xi attivitajiet ta' kuljum.

## Kif jista' jgħinni l-Carer Gateway?

Il-Carer Gateway jipprovdi firxa ta' tagħrif li jista' jgħin lill-kerers fir-rwol tagħhom, minn parir prattiku u riżorsi, sa għajnuna biex isibu servizzi ta' sapport inklużi:

- tagħrif dwar it-tipi ta' kura u stadji ta' kura;
- parir dwar kif tieħu ħsieb tiegħek stess waqt li tkun qed tieħu ħsieb xi ħaddieħor;
- immaniġġjar tal-kura minn jum għal jum;
- konsiderazzjonijiet legali u ta' sapport finanzjarju;
- x'għandek tagħmel meta jkun hemm xi sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' kriżi;
- għajnuna biex tgħaqqad flimkien il-kura max-xogħol jew l-istudju.

Il-websajt tal-Carer Gateway għandha wkoll tagħrif għall-kerers inklużi kerers żgħażagħ, kerers akbar fl-età, kerers li qed jaħdmu, kerers Aboriġeni u mill-Gżejjer ta' Torres Strait (Aboriginal and Torres Strait Islander) u kerers li huma kulturalment u lingwistikament diversi. Jekk qed tfittex servizz partikulari jew tixtieq tkun taf x'tipi ta' servizzi int eliġibbli għalihom, Carer Gateway jista' tgħin. Tista' ċċempel 1800 422 737 jew tuża l-għodda biex tfittex servizz fuq il-websajt. Jekk twieġeb xi żewġ mistoqsijiet, Carer Gateway ser tagħtik tagħrif dwar is-servizzi fl-inħawi tiegħek, li jgħoddu għall-bżonnijiet tiegħek.

## Kif nista' nikkuntattja lill-Carer Gateway?

Il-kerers jistgħu jċemplu 1800 422 737 permezz tat-telefon mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8am u s-6pm biex ikellmu it-tim tagħna li lesti jgħinuk ibbażati fl-Awstralja.

Permezz tal-websajt int tista' titlob li xi ħadd iċempillek lura f'ħin li jgħodd għalik. Mur fuq www.caregateway.gov.au għall-buttuna 'Request a call back', fil-qiegħ ta' kull paġna.

## U jekk diġà qed nirċievi s-servizzi tas-sapport tal-kerer?

Ma hemm l-ebda tibdil dwar kif il-kerers bħalissa qed jaċċessjaw servizzi ta' sapport u l-kerers jistgħu jkomplu jikkuntattjaw direttament lill-provvedituri tas-servizz eżistenti tagħhom.

## U jekk l-Ingliż mhux l-ewwel lingwa tiegħi?

Jekk tħossok aktar komdu titkellem bl-lingwa oħra barra l-Ingliż, int tista' ċċempel lis-Servizzi tat-Traduzzjoni u l-Interpretar (TIS) ( Translating and Interpreting Services -TIS) fuq 131 450. TIS jittraduċu f'aktar minn 100 lingwa u huma disponibbli 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa.

## U jekk jien kapaċi nifhem bl-Ingliż, imma insibha bi tqila naqrah?

Il-websajt ta' Carer Gateway tinkludu funzjoni ta' qari b'leħen għoli ipprovduta minn Readspeaker li awtomatikament tibdel il-kitba bil-miktub f' taħdit, tipprovdi verżjoni awdjo tat-tagħrif fuq il-websajt.

Sempliċiment ikklikkja l-buttuna "listen" fuq kwalunkwe paġna u taqrahielek b'vuċi għolja.

## U jekk għandi impediment tas-smigħ jew tat-taħdit?

Jekk għandek impediment tas-smigħ, tat-taħdit jew tal-viżta, int tista' tikkuntattja lill-Carer Gateway permezz tas-Servizz tar-Rilej Nazzjonali (National Relay Service -NRS) f'żewġ passi sempliċi:

1. Żur il-websajt tas-Servizz tar-Rilej Nazzjonali (www.relayservice.gov.au) biex tagħżel il-punt preferut tiegħek tal-aċċess.
2. Staqsi għal Carer Gateway fuq 1800 422 737.

## Aktar tagħrif

Għal aktar tagħrif dwar il-Carer Gateway, jekk jogħġbok ibbrawsja din il-websajt jew ċempel 1800 422 737, mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit- 8am sas-6pm.